## KUNSILL LOKALI ISLA

## IR-RABA' KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU TMIENJA

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar il-Ġimgħa 23 ta' Awissu, 2002 fin-12.30pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | Xejn | | |

**AĠENDA**

1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
3) Ġemellaġġ.
4) Dawret Ix-Xatt.

### 8 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.

Is-Sindku ressaq sospensjoni tar-regolamenti tal-laqgħat tal-Kunsilli Lokali il-Minuti tal-laqgħa numru 7 jiġu mressqa fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

8.1.1 Din ġiet aċċettata nem con.

### 8(2) Korrispondenza

*8.(2).1 Din ser tkun moqrija fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.*

## 8(3) Ġemellaġġ - Isla - Cassino

Is-Sindku ressaq il-programmi riveduti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

8.(3).1 Wara li ġie diskuss :

Il-Kunsill qabel unanimament fuq il-programm(Kopja mehmuża) għaż-żmien ta' erbat ijiem li d-Delegazzjoni mill-Belt ta' Cassino ser iżżur Malta.

Is-Sindku kellu jagħmel l-arranġamenti meħtieġa.

## 8 (4) Dawret Ix-Xatt.

Il-Kunsill reġa ddiskuta l-istat ħażin li tinsab fih din u l-bżonn li din it-triq tiġi resurfaced.

8.(4).1 Il-Kunsill huwa konxju li din it-triq ser issir mill-Gvern Ċentrali.
Jidher ukoll li t-tender biex isir dan ix-xogħol diġa qiegħed hemm u ser toħroġ fi żmien qasir min-naħa tal-Gvern Ċentrali.

8.(4).2 Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li jistenna ftit żmien ieħor ħalli din il-parti ssir kif hu mistenni mill-Gvern.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-2.30pm b'dan l-item fuq l-agenda.

---

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ____________________

---

| | |
|---|---|
| Joseph Casha | Alphonse Zammit |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |